# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 13**

**Appell Ċivili Numru 40/2012/4 JVC**

**Martina Zerafa**

***v.***

**Rocco *sive* Ronnie Camilleri**

1. Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tal-10 ta' Marzu 2015 li ikkundannatu jħallas lill-attriċi nofs il-flus li tħallsu minn kont li l-partijiet kellhom flimkien biex inxtrat u ġiet assikurata vettura, b'kollox għaxart elef, sitt mija u euro u tmintax-il

ċenteżmu (€10,601.18), bl-imgħax minn meta nfetħet il-kawża sa meta jħallas.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »... il-partijiet għamlu żmien twil jgħixu flimkien u tul dan iż-żmien huma xtraw diversi proprjetajiet immobbli kif ukoll mobbli, u sabiex jagħmlu dan kienu jużaw kontijiet bankarji konġunti f'liema kontijiet jirriżulta li tul is-snin ġew depożitati flus miż-żewġ partijiet. Fost dawn il-proprjetajiet l-attriċi ssostni li nxtrat il-vettura *Subaru Forester* bin-numru ta' reġistrazzjoni DBH 308 li iżda ġiet reġistrata f'isem il-konvenut liema vettura nżammet minnu wara li l-partijiet ma baqgħux jgħixu flimkien. L-attriċi tgħid li fil-mument li ġew biex jixtru l-vettura legalment infurmawha li l-vettura ma setgħetx tiġi reġistrata fuq it-tnejn u *a fol.* 523 tal-proċess tagħti spjegazzjoni għalfejn il-vettura ġiet reġistrata f'isem Rocco Camilleri biss...
>
> »... … …
>
> »L-attriċi qed tippretendi li la darba l-konvenut żamm il-vettura hija għandha titħallas lura l-flus kollha li hija nefqet għax-xiri tal-vettura u l-ispejjeż inkorsi minnha f'reġistrazzjonijiet u assikurazzjoni tal-istess vettura ... … …«

3. L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti "7. tordna lill-konvenut iħallas lura lill-attriċi … l-ispejjeż kollha li l-attriċi nefqet għax-xiri tal-vettura fuq indikata, u l-ispejjeż minnha inkorsi f'reġistrazzjonijiet u assikurazzjoni tal-istess vettura"[1].

4. Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet safejn relevanti għal din it-talba:

> »… … …
>
> »3. illi hija … totalment opposta l-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-sens li l-attriċi ħarġet xi spejjeż biex inxtrat il-vettura *Subaru Forester*, tħallsu kontijiet personali tiegħu jew xi oġġetti oħra appartenenti lill-esponenti. Din l-allegazzjoni hija totalment inveritiera, u, kuntrarjament għal dak allegat, kien l-esponenti li ħareġ minn butu l-ispejjeż kollha għax-xiri ta' din il-vettura, spejjeż oħra relatati magħha u spejjeż oħra tiegħu in ġenerali. Huwa ħareġ ukoll l-ispejjeż relatati għall-għixien kemm tiegħu

[1] L-attriċi għamlet talbiet oħra dwar beni oħra li tgħid illi l-partijiet kellhom flimkien, iżda dawk it-talbiet ma humiex relevanti għall-għanijiet tal-appell. Ara para. 5, *infra.*

u anki tar-rikorrenti Martina Zerafa għal diversi snin. Fil-fatt, Martina Zerafa ma ħadmitx matul l-aħħar snin ta' konvivenza ta' bejn il-partijiet u huma kienu jgħixu unikament fuq il-pensjoni li l-esponenti kien jirċievi minn barra minn Malta.

»4. illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-ħlasijiet mitluba mir-rikorrenti huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili.«

5. B'nota li ippreżentaw flimkien fit-13 ta' Frar 2014 il-partijiet ddikjaraw illi:

»... huma waslu għal transazzjoni għal dak li jirrigwarda d-diviżjoni tal-proprjetà immobbli u tal-assi bankarji u pekunarji, kif ukoll tal-assi mobbli salv il-vettura *Subaru Forest*er bin-numru DBH 308, u dak kollu illi jirrigwarda l-istess vettura, li għandu jibqa' impreġudikat u deċiż f'din il-kawża.

»Il-partijiet transiġew ukoll il-kap ta' l-ispejjeż, salv dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni tal-vettura msemmija.«

6. L-attriċi għalhekk ċediet it-talbiet li ma jolqtux il-vettura.

7. Bis-sentenza li minnha sar l-appell l-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut applikabbli għas-seba' talba u tilqa' s-seba' talba attriċi limitatament għall-flus maħruġa mill-attriċi għax-xiri tal-vettura *Subaru Forester*, *cioè* nofs il-flus imħallsa mill-kont konġunt biex inxtrat kif ukoll għal nofs is-somma mħallsa bħala assikurazzjoni tal-vettura għas-sena 2010;

»tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attriċi għas-somma globali ta' għaxart elef, sitt mija u euro u tmintax-il ċenteżmu (€10,601.18) u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' għaxart elef, sitt mija u euro u tmintax-il ċenteżmu (€10,601.18) bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni sad-data tal-pagament effettiv.

»Bl-ispejjeż (salv dawk ġà transatti bejn il-partijiet) għandhom jiġu sopportati mill-konvenut.«

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»… … …

»Illi l-konvenut, in suċċint, fil-konfront ta' din is-seba' talba eċċepixxa l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2156(*f*) u *cioè* t-terminu ta' ħames snin u li l-ispejjeż kollha għax-xiri tal-vettura ħarġu minn butu u li għalhekk ma hemm l-ebda somma dovuta lill-attriċi. Il-konvenut sostna wkoll fl-eċċezzjonijiet tiegħu li l-partijiet kien ilhom ma jgħixu flimkien sa mis-sena 2009.

»… … …

»L-attriċi qed tippretendi li la darba l-konvenut żamm il-vettura hija għandha titħallas lura l-flus kollha li hija nefqet għax-xiri tal-vettura u l-ispejjeż inkorsi minnha f'reġistrazzjonijiet u assikurazzjoni tal-istess vettura. Il-konvenut min-naħa tiegħu filwaqt li ma jiċħadx li l-flus ħarġu minn kont konġunt bejn il-partijiet isostni li l-flus li kien hemm fil-kont kienu tiegħu għaliex irċevihom bħala pagamenti mingħand ibnu għall-vettura preċedenti li kellu, bħala somma meta spiċċa mix-xogħol u ħlas ta' pensjoni.

»Jirriżulta inkontestat illi l-vettura nxtrat *second-hand* fis-sena 2003 għas-somma ta' disat elef liri Maltin (Lm9,000) u tħallset f'seba' pagamenti, l-ewwel wieħed max-xiri għas-somma ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm4,600) permezz ta' *bank draft*, ħames pagamenti ta' seba' mitt lira Maltin il-wieħed (Lm700) u pagament wieħed ta' disa' mitt Lira Maltin (Lm900). L-aħħar pagament sar f'Settembru tas-sena 2003 u dan kien permezz taċ-ċekk numru 6 għas-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900). Il-pagamenti ħarġu kollha għajr għall-ewwel wieħed minn kont konġunt bejn il-partijiet mal-*Bank of Valletta* permezz ta' ċekkijiet. Dan huwa konfermat kemm minn Rocco Camilleri fix-xhieda tiegħu … kif ukoll jirriżulta evidenti mill-kopja taċ-ċekkijiet bil-pagamenti relattivi esebiti fl-atti … Id-dokument *a fol.* 247 jikkonferma wkoll li l-ewwel ċekk li kien *bank-draft* għas-somma ta' erbat elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm4,600) ħareġ fuq ordni ta' Martina Żerafa u mid-dokument *a fol.* 149 jirriżulta li l-flus għalih ħarġu wkoll mill-kont konġunt fit-28 ta' Marzu 2003. Jiġi rilevat li wħud miċ-ċekkijiet huma riportati aktar minn darba f'dawn id-dokumenti. It-termini tal-pagamenti tal-karozza jirriżultaw ukoll mid-dokument … li jikkonsisti fil-ftehim bejn *LIACO Ltd* u l-istess Rocco Camilleri datat 27 ta' Marzu 2003. Dan id-dokument huwa ffirmat minn Rocco Camilleri iżda mhux minn Martina Zerafa.

»Il-Qorti tinnota li filwaqt li l-vettura in kontestazzjoni nxtrat fis-27 ta' Marzu 2003 l-allegat xiri tal-vettura preċedenti ta' Rocco Camilleri minn ibnu … sar f'Ġunju 2003. Sal-aħħar ta' Ġunju 2003 kienu ġà saru l-ewwel pagament ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm4,600) kif ukoll tliet pagamenti ta' seba' mitt lira Maltin il-wieħed (Lm700) total ta' sitt elef u seba' mitt Lira Maltin (Lm6,700). Għalhekk huwa żgur li dan l-ammont ma ħariġx mis-somma li Rocco Camilleri allegatament irċieva mingħand ibnu. *Inoltre* s-somma li allegatament irċieva mingħand min kien jimpjega lil Rocco Camilleri *a foll.* 281 u 309 tal-proċess hija datata 13 ta' Awissu 2003. Sa dak in-nhar kien laħaq tħallas ukoll il-pagament ta' Lulju 2003 ammontanti għal seba' mitt Lira (Lm700), total sa dak in-nhar ta' sebat elef u erba' mitt Lira Maltin (Lm7,400). Dan l-ammont għalhekk żgur li ma ħariġx mis-somma li Rocco Camilleri rċieva f'Awissu, 2003. Għal dak li jirrigwarda pensjoni l-konvenut preżenta dokumentazzjoni datata l-1 ta' Diċembru 2003 'il quddiem. Il-vettura sa dak iż-żmien kienet ġà tħallset u b'hekk huwa ovvju li l-flus ma ġewx mill-pensjoni riżultanti minn dawn id-dokumenti. Il-konvenut ukoll permezz ta' dokument esebit *a fol.* 297 jipprova jagħti spjegazzjoni dwar flus li daħlu fil-kont bankarju bin-numru 3632-3000-552 liema kont infetaħ fl-14 ta' Mejju 2004. Sa dak in-nhar il-vettura in kwistjoni kienet ilha mħallsa u għalhekk żgur li ma ntużawx dawn il-flus għall-ħlas tagħha.

»Illi l-konvenut jipprova jsostni l-verżjoni tiegħu li l-pagamenti ħarġu minn flus tiegħu billi esebixxa d-dokument *a fol.* 278 li jikkonsisti f'ittra datata 17 ta' Frar, 2014 (*cioè* ħdax-il sena wara li nxtrat il-karozza) indirizzata lid-*Director of Traffic* fejn *LIACO Limited*, minn fejn inxtrat il-vettura, tinforma lid-direttur li l-vettura tħallset kollha minn Rocco Camilleri u li għalhekk il-vettura setgħet tiġi trasferita. Din il-qorti iżda ma tqisx din l-ittra bħala prova li l-flus effettivament tħallsu unikament minn Rocco Camilleri *stante* li l-iskop tal-ittra kien sabiex il-vettura tkun tista' tiġi trasferita u sabiex isir hekk kien jeħtieġ li d-direttur jidentifika fuq min kienet reġistrata l-vettura u għalhekk tniżżel isem 'Rokku Camilleri' għaliex fil-fatt il-vettura kienet reġistrata fuq ismu u mhux isem l-attriċi. Kif ingħad iżda dan xejn ma jitfa' dawl fuq dak li effettivament ġara dwar il-pagamenti ħdax-il sena qabel u minn fejn ħarġu l-flus.

»Min-naħa l-oħra l-attriċi ssostni fl-*affidavit* tagħha li fil-kont konġunt in kwistjoni kienu ġew depositati l-flus tagħha inkluż flus derivanti mill-bejgħ tad-dar tagħha fil-Kanada u paga u dan meta l-partijiet ġew lura jgħixu fil-Gżejjer Maltin u għalhekk qabel ma nxtrat il-vettura *de quo*.

»Illi *nonostante* dak kollu suespost, huwa evidenti għall-qorti li, ġew minn fejn ġew il-flus, dawn ġew liberament depożitati f'kont bankarju konġunt bejn il-partijiet mill-istess partijiet mingħajr riservi allura l-flus li kien hemm fih għandhom jitqiesu li kienu proprjetà tal-partijiet b'mod ugwali.

»Illi minn dak suespost, jirriżulta pruvat sal-grad rikjest mil-liġi lil din il-qorti li l-flus kollha biex tħallset il-vettura *Subaru Forester* fis-sena 2003 tħallsu kif isegwi:

»(1) is-somma ta' erbat elef u sitt mitt lira Maltin tħallset permezz ta' ċekk *bank draft* liema ċekk għalkemm ordnat mill-attriċi Martina Żerafa jirriżulta mid-dokument *a fol.* 149 tal-proċess li ħarġu mill-kont konġunt tal-partijiet;

»(2) s-somma rimanenti ta' erbat elef u erba' mitt Lira Maltin (Lm4,400) tħallset permezz ta' ċekkijiet li ħarġu direttament mill-kont konġunt tal-partijiet.

»F'dan l-istadju ssir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet <u>Harry Saliba *v.* Denise Caruana</u> deċiża mill-onorevoli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April 2006 (2603/1999/1 JRM) fejn dik il-qorti kienet studjat fir-reqqa l-kawżali ta' kawża identika għal dik odjerna, u għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> »"Illi l-azzjoni mibdija mill-attur hija l-azzjoni sussidjarja magħrufa bħala l-*actio de in rem verso*, li hija azzjoni mogħtija lill-persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni;
>
> »"Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitattiva. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo* [*recte, nemini*] *licet*

> *locupletari cum aliena iactura*). Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti nteressata;
>
> »"Illi ngħad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz."

»Illi l-elementi indikati mill-onorevoli Prim Awla … jenħtieġu li jiġu eżaminati minn dina l-qorti sabiex jiġi stabbilit jekk attwalment jirriżultawx jew le għall-każ odjern.

»Mill-fatti kif proposti, jirriżulta illi l-konvenut kiseb vantaġġ mill-ġid tal-attriċi billi l-flus li permezz tagħha tħallset il-vettura użata minnu u li ġiet miżmuma minnu ħarġu minn kont konġunt bejn il-partijiet u b'hekk nofs il-flus kienu proprjetà tal-attriċi. Il-konvenut ibbenefika minn dan il-fatt billi kellu l-vettura reġistrata fuq ismu u fil-pussess tiegħu u eventwalment meta ntemmet ir-relazzjoni inżammet minnu.

»L-aħħar element li l-qorti għandha teżamina fir-reqqa hija r-raba' indikatur …, ossija n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni tal-ftaqir ta' wieħed, ossija l-attriċi, u l-arrikkiment ta' l-ieħor, ossija l-konvenut. Sal-mument illi l-vettura nxtrat bejn il-partijiet sabiex tintuża minnhom it-tnejn *stante* li kienu f'relazzjoni, ir-raba' element ma jidhirx li huwa ppruvat. Iżda fil-mument li tħassret ir-relazzjoni bejn il-partijiet tali ġustifikazzjoni ma baqgħetx aktar eżistenti, billi l-ħsieb wara x-xiri tal-vettura da parti tal-attriċi kien li din tiġi użata mit-tnejn u mhux li tittieħed u titgawda unikament mill-konvenut kif fil-fatt ġara a skapitu tal-attriċi. Għalhekk, f'dak il-mument, il-ġustifikazzjoni ma baqgħetx aktar waħda fattibbli bir-riżultat li r-raba' element fuq indikat jirriżulta li ġie ppruvat wkoll.

»Illi għalhekk huwa ċar illi l-konvenut ħa benefiċċju minn 'kważi-kuntratt' illi sar bejn il-partijiet, meta l-attriċi ħareġ flus għall-vettura li nxtrat għall-benefiċċju taż-żewġ partijiet fir-relazzjoni tagħhom, liema benefiċċju kien marbut ma' tali fatt illi eventwalment sfaxxa meta r-relazzjoni spiċċat u l-vettura nżammet mill-konvenut. Tali fatt, għalhekk, iwassal għall-konklużjoni illi kienet ukoll ben tajjeb waslet għalih il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża hawn fuq ikkwotata illi: "m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor"; allura l-konvenut huwa obbligat illi jrodd lura l-flus li ħarġet l-attriċi.

»It-talba attriċi hija ċara fejn hija qed titlob li titħallas l-ispejjeż kollha li nefqet għax-xiri tal-vettura in kwistjoni. La darba l-flus ħarġu minn kont konġunt bejn il-partijiet jirriżulta li hija ħarġet nofs is-somma *cioè* dik ta' erbat elef u ħames mitt Liri Maltin (Lm4,500) ekwivalenti għal għaxart

elef, erba' mija u tnejn u tmenin Euro u tmintax-il ċenteżmu (€10,482.18) u għal dawn għandu jagħmel tajjeb il-konvenut.

»Illi fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-attriċi fuq spejjeż imħallsa għall-assikurazzjoni tal-vettura jiġi rilevat li l-irċevuti esebiti … jirrelataw ma' assikurazjzoni tal-vattura li titħallas kull sena u dawn huma għas-snin 2003, 2004, 2005, 2006, 2007 u 2008 *cioè* żmien meta l-attriċi u l-konvenut kienu għadhom qed jirrisjedu flimkien u b'hekk għamlu użu mill-vettura flimkien; għalhekk ma jissusistix ir-raba' element tal-*actio de in rem verso*. Apparti minn hekk dawn kienu spejjeż annwali li *se mai* mal-iskadenza tas-sena in partikolari ma jibqagħlhom l-ebda valur. Il-qorti ma tqisx li l-attriċi għandha dritt għar-rimbors ta' dawn l-ispejjeż.

»Fir-rigward tal-assikurazzjoni għas-sena 2010 … l-attriċi ssostni li s-somma ta' mitejn u tmienja u tletin Euro (€238) tħallset mill-*joint account* wara li ġiet imġiegħla tiffirma ċ-ċekk mill-konvenut u filfatt hija kellha l-oriġinal tad-dokument. Dak iż-żmien il-partijiet ma kinux għadhom flimkien. *Stante* li l-vettura kienet reġistrata f'isem Rocco Camilleri huwa ovvju li l-polza nħarġet f'isemu biss iżda x-xhud uriet lill-qorti *cheque stub* taċ-ċekk bin-numru 62 datat 29 ta' April 2010 li jidher li ħareġ fuq *Compass Group*. L-attriċi … spjegat li hija ġiet indotta tiffirma ċ-ċekk mill-kont konġunt għalkemm ma kinux għadhom flimkien għaliex il-konvenut insista magħha li l-vettura kienet għadha tagħhom it-tnejn u li hi kien mingħaliha li kienu ser jiftiehmu li jagħtiha nofsha. Irriżulta iżda konsegwentement li l-konvenut, meta nbigħet xi proprjetà immobbli tal-partijiet, irrifjuta li jagħti sehem l-attriċi mill-vettura. Il-qorti tqis li la darba l-attriċi ma għamlitx użu mill-assikurazzjoni tal-vattura fl-2010 *stante* li l-vettura ma kinitx għandha, u la darba l-flus in kwistjoni ħarġu mill-kont konġunt, allura nofs dik l-ispiża għandha wkoll tiġi ritornata lill-attriċi u *cioè* is-somma ta' mija u dsatax-il euro (€119).

»Preskrizzjoni

»Illi għalkemm ġie deċiż li l-konvenut huwa debitur tal-attriċi għas-somom hawn fuq indikati jonqos iżda li din il-qorti tikkunsidra l-eċċezzjoni mqajjma mill-konvenut tal-preskrizzjoni ta' ħames *snin ai termini* tal-artikolu 2156(*f*) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi:

> »"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:
>
> »"(*f*) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."

»Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali tal-preskrizzjoni li tinsab fl-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, bħal kull eċċezzjoni oħra, il-preskrizzjonijiet qosra għandhom jingħataw interpretazzjoni restrittiva.

»Fil-kawża <u>Giovanni Saliba *et v.* Angelo Grech</u> deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, ingħad li fejn fl-artikolu 2156(*f*) jingħad "għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor ..." dik il-kelma "ieħor" turi biċ-ċar illi l-leġislatur qiegħed jikkommetti din id-dispożizzjoni mas-sezzjonijiet preċedenti, fejn huma indikati krediti speċifiċi u għalhekk dak il-kreditu għandu jkun *eiusdem generis* skont ir-regola komunement aċċettata

fil-ġurisprudenza. U f'din il-kawża saret referenza wkoll għal <u>Spiteri *v.* Petrococchino *et*</u> deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Jannar 1919.

»Huwa għalhekk prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(*f*) hija soġġetta għal interpretazzjoni *eiusdem generis*. Għaldaqstant, il-kelma "kreditu", minħabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' *eiusdem generis*, tiġbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bħal jeddijiet l-oħra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min igħid li l-ebda wieħed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' *obbligazione di fare*, imma huma kollha obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus.

»Fil-każ in eżami s-seba' talba attriċi hija ċara fejn hija qed titlob li tiġi likwidata s-somma minfuqa minnha għax-xiri tal-vettura u l-ispejjeż inkorsi f'reġistrazzjonijiet u assikurazzjoni tal-istess vettura. Għalhekk huwa ċar li dak li qed titlob l-attriċi huwa l-ħlas lura ta' flus u b'hekk huwa suġġett għall-preskrizzjoni msemmija mill-konvenut *ai termini* tal-artikolu 2156 (*f*) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Fir-rigward tas-somma ta' mija u dsatax-il euro (€119) rappreżentanti nofs l-ispiża tal-assikurazzjoni tas-sena 2010 jirriżulta lil din il-qorti li mhix preskritta bil-perjodu ta' ħames snin indikat mill-konvenut *stante* li l-kawża nfetħet u ġiet notifikata lil Rocco Camilleri fis-sena 2012. Għalkemm l-attriċi ssemmi fir-rikors ġuramentat li kien hemm xi ittri uffiċjali li ġew notifikati lill-konvenut ma tressqet l-ebda prova tagħhom fl-atti u għalhekk din il-qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom.

»Illi fir-rigward ta' nofs is-somma mħallsa għall-vettura ma hemmx kontestsazzjoni li l-aħħar pagament ħareġ mill-kont konġunt f'Settembru tas-sena 2003 *cioè* kważi tnax-il sena qabel infetħet il-kawża. Iżda dan ma jfissirx li t-terminu ta' preskrizzjoni għad-debitu tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi għas-somma rappreżentanti nofs kemm inxtrat il-vettura beda jiddekorri fil-mument li din tħallset.

»… … … il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata:

»L-istess jingħad fil-każ odjern. Din il-qorti hija obbligata li tindaga meta twieldet l-obbligazzjoni tal-konvenut li jħallas lura lill-attriċi u meta twieled id-dritt relattiv tal-attriċi li taġixxi kontra tiegħu abbażi tal-kawżali odjerna. Jirriżulta lil din il-qorti li meta nxtrat il-vettura mill-kont konġunt tal-partijiet, il-partijiet kienu jirrisjedu flimkien u l-vettura kienet isservi l-bżonnijiet tat-tnejn u għalhekk f'dak il-mument ma kien hemm l-ebda intendiment min-naħa jew minn oħra li xi parti jew oħra kellha tħallas lura nofs is-somma mħallsa fuq il-vettura. F'dak il-mument lanqas ir-raba' element tal-*actio in rem verso* ma kien jissussisti kif ġà ngħad aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni. L-obbligazzjoni tal-konvenut li jħallas lura nofs il-flus mħallsa għall-vettura emaniet fil-mument li l-partijiet ma baqgħux flimkien u huwa żamm il-vettura għalih. Huwa wkoll f'dan il-mument li twieled id-dritt tal-attriċi li titlob ir-rimbors mingħand il-konvenut u *cioè* d-dritt tal-azzjoni *actio in rem verso.* Jirriżulta lill-qorti li dan kien f'xi mument fis-sena 2009, *cioè* s-sena fejn *ex admissis* mill-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-partijiet ma baqgħux jirrisjedu flimkien. Ma jirriżultax mill-atti lil din il-qorti d-data preċiża meta l-partijiet ma baqgħux jirrisjedu flimkien iżda anki jekk wieħed jikkalkula mill-1 ta' Jannar 2009 sad-data li ġiet preżentata l-kawża quddiem din il-qorti nhar il-25 ta' Mejju 2012 jirriżulta li l-perjodu dekors kien ta' madwar sentejn u ħames xhur u l-perjodu ta' ħames

snin indikat fl-artikolu 2156(*f*) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx għadu skada. Għaldaqstant jirriżulta lil din il-qorti li l-pretensjoni tal-attriċi għas-somma ta' għaxart elef, erba' mija u tnejn u tmenin Euro u tmintax-il ċenteżmu (€10,482.18) f'termini tal-liġi mhiex preskritta.«

9. Il-konvenut appella b'rikors tas-27 ta' Marzu 2015 li għalih l-attriċi wieġbet fit-18 ta' Novembru 2016.

10. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-konvenut igħid illi s-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti għandha titħassar għax l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ġietx deċiża f'kap separat mill-eċċezzjonijiet l-oħra mqajjma minnu, kif irid l-art. 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

11. Tassew illi l-art. 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tiġi deċiża b'kap għalih, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.

12. Huwa minnu wkoll illi l-ewwel qorti iddeċidiet li "tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut applikabbli għas-seba' talba ..." bla ma semmiet espressament l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

13. Dak li jrid l-art. 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda, ma hijiex xi ħaġa formalistika, bħallikieku tagħmel differenza għal jekk tiswiex jew le s-sentenza li tgħid "tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut" flok li tgħid "tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, fosthom dik ta' preskrizzjoni". Dak li trid il-liġi mhix forma ta' kliem iżda li xi eċċezzjonijiet, fosthom dik ta' preskrizzjoni, jitqiesu għalihom, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ fejn l-ewwel qorti qieset l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni f'parti għaliha tas-sentenza.

14. Barra minn hekk, l-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili igħid illi:

> »**790.** Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq.«

15. Din il-qorti għalhekk ma hijiex miżmuma milli tqis jekk is-sentenza fis-sustanza tagħha hijiex ġusta, kif kien ikun il-każ li kieku kellha tilqa' l-eċċezzjoni preliminari ta' nullità. Għalhekk dan l-ewwel aggravju tal-konvenut huwa miċħud.

16. It-tieni aggravju wkoll huwa wieħed ta' nullità tas-sentenza appellata, għax l-appellant igħid illi s-sentenza għandha titħassar għax *ultra petita*. Ifisser dan it-tieni aggravju tiegħu hekk:

> »Fit-tieni lok … l-esponenti jissottometti li d-deċiżjoni tal-ewwel qorti hija kompletament *ultra petita*. B'mod evidenti għall-aħħar, l-ewwel qorti marret *oltre* l-parametri tat-talbiet attriċi. Minn qari tar-rikors ġuramentat, jirriżulta li l-attriċi ressqet kawża purament ta' diviżjoni, fejn talbet li jiġu diviżi l-assi mobbli u immobbli miżmuma in komun bejn il-partijiet; li jiġu ritornati fil-pussess tagħha l-beni tagħha personali u finalment talbet sabiex tiġi mogħtija mill-konvenut il-flus li hija nefqet għal xiri tal-vettura *Subaru Forster*. Fil-premessi ta' dan ir-rikors ġuramentat, fl-ebda ħin ma kien hemm xi riferenza għall-fatt li kien hemm xi allegazzjoni ta' arrikkiment inġust da parti tal-konvenut esponenti. L-esponenti jkompli jissottometti li fl-ebda waqt ta' din il-kawża, ma ġie b'xi mod ikkjarifikat mill-attriċi illi din l-azzjoni ma kinitx waħda ta' diviżjoni iżda kienet ukoll waħda ta' arrikkiment inġust jew indebitu.
>
> »Illi minkejja li t-talbiet kienu tant ċari fis-sens li din kienet azzjoni *de communi dividendo*, l-ewwel onorabbli qorti ddeċidiet li tqis din il-kawża bħala l-*actio de in rem verso* u in fatti l-istess qorti għaddiet biex … tagħmel referenza għall-ġurisprudenza fuq l-*actio de in rem verso* u l-elementi li kellhom jiġu ppruvati f'azzjoni ta' din in-natura. Sussegwentement, l-ewwel qorti għaddiet biex għamlet evalwazzjoni tal-fatti ta' dan il-każ fid-dawl ta' tali elementi rikjesti fl-*actio de in rem verso*.
>
> »Fil-fehma umli tal-esponenti, din il-qorti ma setgħet qatt tagħti deċiżjoni bbażata fuq l-elementi tal-*actio de in rem verso* meta l-kawża

kienet kjarament dik ta' sempliċi diviżjoni. Tajjeb f'dan l-istadju jiġi sottolinjat li din il-kawża hija distinta mill-*actio familiæ erciscundæ* fejn f'azzjoni ta' dik in-natura jistgħu jiġu eżaminati kwistjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' tali diviżjoni. Din il-kawża hija kawża ta' diviżjoni sempliċi u għalhekk, l-ewwel qorti ma setgħet fl-ebda lok tidħol fi kwistjonijiet oħra li jistgħu jkunu konnessi ma' din id-diviżjoni bħalma għamlet f'dan il-każ.

»Huwa prinċipju sagrosant li l-ġudikant ċivili għandu fl-għoti tas-sentenza joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet. U huwa ben risaput li s-sentenza tal-qorti għandha tirrispekkja t-talba tal-attriċi unikament fid-dawl tan-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Il-ġurisprudenza Maltija hija kategorika għall-aħħar billi teskludi l-possibilità li l-qorti tiddeċiedi barra mill-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet. … … …

»… … …

»Fil-fatt, kif ingħad, din il-kawża hija waħda purament ta' diviżjoni, u ma ġiet bl-ebda mod preżentata bħala konsistenti f'actio de in rem verso. Ġialadarba ma tikkonsistix f'actio de in rem verso, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx titrattaha bħala tali, u kwalunkwe deċiżjoni mogħtija minnha f'dan is-sens hija ultra petita, u annullabbli minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.«

17. Sentenza tkun *ultra petita* jekk tagħti aktar minn dak mitlub. Barra mit-talbiet ta' qsim ta' proprjetà komuni – li l-ewwel qorti ma qisithomx għax dawk it-talbiet ġew ċeduti wara transazzjoni – kien hemm talba biex il-qorti "tordna lill-konvenut iħallas lura lill-attriċi … l-ispejjeż kollha li l-attriċi nefqet għax-xiri tal-vettura fuq indikata, u l-ispejjeż minnha inkorsi f'reġistrazzjonijiet u assikurazzjoni tal-istess vettura". Din ma hijiex talba għal qsim ta' proprjetà komuni iżda talba għall-ħlas ta' flus li ħarġet l-attriċi għal ħaġa li żammha l-konvenut. L-ewwel qorti qieset li l-attriċi tassew ħarġet dawk il-flus biex inxtrat ħaġa li żammha l-konvenut, u għalhekk il-fatti li irriżultaw lill-qorti waqgħu fil-parametri tat-talba tal-attriċi. Meta sabet hekk, l-ewwel qorti ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi dak li talbet, xejn aktar. Li għamlet il-qorti kien li poġġiet il-kawżali proposta mill-attriċi – li ħarġet flus għal ħaġa li żammha l-konvenut – fil-kuntest tad-

disposizzjonijiet relevanti tal-liġi, u meta sabet li dik il-kawżali tirriżulta mill-fatti laqgħet it-talba kif magħmula fir-rikors.

18. Meta tqis dak li talbet l-attriċi u tqabblu ma' dak li ordnat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, issib li dak li ngħata kien sewwasew dak li ntalab, u ma hemm xejn *ultra petita* fis-sentenza appellata.

19. It-tieni aggravju tal-konvenut, li l-qorti tqisu x'aktarx fieragħ, għal-hekk, mhux qiegħed jintlaqa'.

20. Fit-tielet aggravju l-konvenut igħid illi r-rikors maħluf tal-attriċi u s-sentenza mogħtija fuqu ma jiswewx għaliex "azzjoni ta' diviżjoni sempliċi u l-*actio de in rem verso* huma żewġ azzjonijiet ben separati u distinti minn xulxin u għalhekk ma jistgħux jitressqu f'kawża waħda".

21. *Se mai* din l-eċċezzjoni kellha titressaq bħala eċċezzjoni fit-tweġiba, u mhux titqajjem f'dan l-istadju, ladarba hija effettivament eċċezzjoni ta' nullità tar-rikors maħluf u mhux biss ta' nullità tas-sentenza.

22. F'kull każ, ma hemm xejn inkompatibbli bejn talba għall-qsim ta' proprjetà komuni u talba għall-ħlas ta' sehem l-attriċi mill-flus biex inxtrat proprjetà bil-ħsieb li tkun komuni u li ma tistax tinqasam u li l-konvenut żammha għalih, u ma hemm xejn li jfixkel id-dritt ta' difiża tal-konvenut. Ma hemm xejn mela li jżomm milli t-talbiet isiru flimkien ladarba ma jwasslu għal ebda inkonsistenza jew ambigwità. Kull ma kien iseħħ li kieku qieħged igħid sew il-konvenut appellant hija multipliċità inutli ta' kawżi.

23. Barra minn hekk, ukoll likieku ma setgħux isiru t-talbiet flimkien – li ma huwiex il-każ – it-talbiet għall-qsim tal-proprjetà ġew ċeduti u fadal biss it-talba għall-ħlas ta' sehem l-attriċi mill-flus li tħallsu biex inxtrat il-vettura li żamm il-konvenut, u dik it-talba ċertament ma hijiex inkonsistenti magħha nfisha.

24. Dan it-tielet aggravju tal-konvenut appellant, li l-qorti tqisu x'aktarx fieragħ, ukoll għalhekk huwa jiġi miċħud.

25. Dan it-tielet aggravju tal-konvenut appellant, għalhekk, ukoll mhux ser jintlaqa'.

26. Fir-raba' aggravju l-konvenut igħid illi t-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda minn din il-qorti għax l-azzjoni li fetħet hija żbaljata. Ifisser dan ir-raba' aggravju tiegħu hekk:

> »Fir-raba' lok … huwa sottomess li fil-verità, bil-mod kif spjegat il-fatti l-attriċi waqt is-smigħ tal-provi, it-tieni azzjoni proposta minnha – li l-esponenti ma kienx jaf biha – ma kellhiex tkun waħda ta' *de in rem verso* iżda kellha tkun waħda ta' *prestanome*. Fil-fatt, skond kliemha, l-intenzjoni ta' bejn iż-żewġ partijiet kienet sa mill-bidu dik li l-vettura tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, iżda billi ma kienx possibbli li din tiġi reġistrata f'isem iż-żewġ persuni, allura hija ġiet reġistrata f'isem il-konvenut, bl-intendiment li din kienet tappartjeni lit-tnejn.
>
> »Fil-fatt, hija xehdet:
>
> > »"Il-vettura bilfors kellha tinxtara, mhux tinxtara fuq ismu, skużani, il-vettura xtrajnieha t-tnejn ma' xulxin imma x'ħin ġejna biex nagħmlu r-*registration* dik hemm Norbert dakinhar, is-*sales person*, jiena *was very upset* għax jiena ma nafx il-proċedura li ma tistax issir fuq żewġ ismijiet ir-*registration*."
>
> »Issa ġaladarba hija sostniet dan il-fatt li l-vettura nxtrat għat-tnejn mill-kont konġunt tal-partijiet, dan ma kienx każ fejn il-vettura nxtrat għall-attur biss, f'liema każ setgħet possibilment issir l-*azzjoni de in rem verso*. Ġaladarba l-vettura nxtrat bħala appartenenti liż-żewġ persuni, iżda f'isem il-konvenut, ma setax jitqies li l-konvenut għamel xi arrikkament inġust a dannu ta' l-attriċi. Iżda seta' semmai jiġi argumentat li l-vettura in kwistjoni kienet qed tiġi miżmuma mill-konvenut bi *prestanome*.

> »Għaldaqstant, jekk, f'dan il-każ, l-attriċi verament ipprosegwiet bl-azzjoni *de in rem verso*, allura hija pproċediet bl-azzjoni żbaljata fil-kuntest tal-fatti tal-każ kif esposti minnha.«

27. Li ġara hu illi l-vettura nxtrat f'isem il-konvenut iżda għall-użu tat-tnejn. Meta iżda l-partijiet infirdu u l-vetturi beda jinqeda biha l-konvenut biss, kien xieraq illi l-konvenut ipatti għall-vantaġġ li kien qiegħed jieħu meta vettura mixtrija bil-flus tat-tnejn beda jinqeda biha hu waħdu. L-attriċi ma hijiex qiegħda titlob sehem mill-vettura, u ma hijiex qiegħda tgħid illi għandha sehem fil-proprjetà tal-vettura għax meta xtraha fuq ismu l-konvenut kien qiegħed jidher bħala *prestanome* għaliha għal nofs indiviż; li qiegħda titlob hu li tingħata lura sehemha mill-flus li nħarġu biex inxtrat il-vettura.

28. Ma hu minnu xejn, għalhekk, dak li jgħid il-konvenut illi l-azzjoni kellha tkun dik għal dikjarazzjoni li fuq il-kuntratt għax-xiri tal-vettura deher bħala *prestanome* għall-attriċi, u l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

29. Fil-ħames aggravju l-konvenut igħid illi l-flus li bihom inxtrat il-vettura kienu "interament flus appartenenti lill-konvenut." Ifisser dan il-ħames aggravju tiegħu hekk:

> »Fil-ħames lok … l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-ewwel qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni raġġunta minnha fis-sens li l-konvenut kellu jiġi ordnat iħallas nofs il-flus biex inxtrat il-vettura u nofs is-somma mħallsa bħala assikurazzjoni tal-vettura għas-sena 2010. Huwa sottomess li biex waslet għal din il-konklużjoni l-ewwel onorabbli qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-prinċipji applikabbli għall-azzjoni *de in rem verso* biex waslet għal din il-konklużjoni.
>
> »… … …
>
> »Issa fil-każ odjern ma ġew bl-ebda mod pruvati mill-attriċi l-elementi … li hija kellha neċessarjament tipprovi biex tissuċċedi [*sic*] azzjoni *de in rem verso*. Speċjalment, ma ġie bl-ebda mod pruvat minnha li l-flus

li bihom inxtrat il-vettura in kwistjoni u saru il-pagamenti in kwistjoni ġew minn ħidmietha. Min jallega jrid jipprova, u fin-nuqqas ta' tali prova ma tistax tiġi milqugħa l-azzjoni tiegħu.

»Min-naħa l-oħra, mix-xhieda prodotta mill-esponenti, irriżulta b'mod ċar illi l-ħlas ta' din il-vettura in kwistjoni sar minn flus appartenenti lill-esponenti. In fatti, fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-2 ta' Lulju 2014, l-esponenti spjega illi huwa kien ħallas għal din il-vettura (i) in parti minn ammont ta' flus li kien ingħata mit-tifel tiegħu in segwitu għall-bejgħ ta' vettura oħra ta' l-esponenti tal-marka *Volvo*; u (ii) in parti minn ammont ta' flus li huwa kien irċieva mill-post tax-xogħol tiegħu. Ġie ppruvat ukoll li matul l-aħħar snin tal-konvivenza ta' bejn il-partijiet, kien l-esponenti biss li kellu introjtu regolari (li kien jirċievi bħala pensjoni) liema introjtu kien jiġi depożitat fil-kont konġunt tal-partijiet wara li parti minnu jintużaw għall-bżonnijiet ta' kuljum tal-partijiet. Dan kollu ġie spjegat b'mod dettaljat u kkorraborat b'dokumenti li ġew spjegati waqt ix-xhieda tal-esponenti tat-2 ta' Lulju 2014.

»Għalhekk, minn tali provi, kellu jirriżulta b'mod mill-aktar evidenti li l-flus li ntużaw biex ġiet akkwistata din il-vettura kien interament flus appartenenti lill-konvenut. Huwa minnu li l-flus inħarġu lkoll minn kont konġunt tal-partijiet iżda l-konvenut spjega li l-flus li kien hemm fl-istess kont konġunt kienu flus li kienu tiegħu u li huwa kien iddepożita f'dan l-istess kont konġunt. Min-naħa l-oħra l-attriċi ma allegatx u iktar minn hekk ma ppruvatx li dawn il-flus ġew frott ta' xogħol tagħha u għalhekk minn ħidmietha. Għalhekk, l-attriċi ma kienet intitolata għal ebda rimborz ta' xi ammonti ta' flus.«

30. L-ewwel qorti fissret fid-dettal għala ma jistax ikun illi l-flus biex inxtrat il-vettura ġew minn fejn igħid li ġew il-konvenut, u wriet kif il-prezz għax-xiri tal-vettura kien ġà fil-parti l-kbira mħallas meta daħlu l-flus li l-konvenut igħid li bihom ħallas il-prezz tal-vettura.

31. Barra minn hekk, jidher illi l-partijiet fiż-żmien relevanti meta kienu jgħixu flimkien – u għalhekk il-kontribut ta' kull parti għall-ħajja komuni ma kinitx bilfors u dejjem fi flus biss – kienu jitfgħu d-dħul tagħhom f'but wieħed, tant illi l-kont bankarju kien f'isem it-tnejn. Il-flus f'dak il-kont għalhekk kienu jitqiesu tat-tnejn, b'mod li kull parti kellha nofs il-bilanċ. Din il-qorti għalhekk taqbel ma' dak li qalet l-ewwel qorti illi "ġew minn fejn ġew il-flus, dawn ġew liberament depożitati f'kont bankarju konġunt bejn il-partijiet mill-istess partijiet

mingħajr riservi allura l-flus li kien hemm fih għandhom jitqiesu li kienu proprjetà tal-partijiet b'mod ugwali". Ma hijiex korretta għal-hekk l-asserzjoni tal-konvenut illi l-prezz tal-vettura tħallas minn flus li kienu tiegħu biss, u l-aggravju relativ huwa għalhek miċħud.

32. Is-sitt aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni. Il-konvenut igħid illi ż-żmien ta' ħames snin tal-preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili beda jgħaddi minn meta nxtrat il-vettura fis-sena 2003 u mhux meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet fis-sena 2009.

33. L-attriċi qiegħda tippretendi li jintradd lilha sehemha minn flus li ħarġu biex inxtrat vettura biex jinqdew biha hi u l-konvenut u li iżda ma baqgħetx tista' tinqeda biha hi wara li nfirdu u beda jinqeda biha l-konvenut waħdu. Ovvjament, li kieku l-attriċi fetħet il-kawża qabel ma l-partijiet infirdu – u għalhekk meta kienet għadha tinqeda hi wkoll bil-vettura u l-konvenut ma kien qiegħed jieħu ebda vantaġġ li ma kinitx tieħu hi wkoll – l-azzjoni tagħha ma kinitx tirnexxi; l-azzjoni kif proposta setgħet tinbeda biss wara li l-partijiet infirdu, u huwa għalhekk illi l-preskrizzjoni minn dakinhar bdiet tgħaddi[2].

34. Minn meta nfirdu l-partijiet fl-2009 sa meta nfetħet il-kawża fl-2012 ma għaddewx ħames snin u għalhekk għamlet sew l-ewwel qorti li ċaħdet l-eċċezzjoni. L-aggravju huwa għalhek miċħud.

2 Art. 2137, Kod. Ċiv.

35. Is-seba’ u l-aħħar aggravju tal-konvenut jolqot il-*quantum* tal-ħlas ordnat mill-ewwel qorti, u ġie mfisser hekk:

> »Finalment, l-esponenti jissottometti li, anke li kieku kellha tiġi milqugħa t-talba tal-attriċi fir-rigward tal-*actio de in rem verso*, … l-ewwel qorti ma setgħet qatt tordna l-ħlas lura lill-attriċi tal-flus kollha minfuqa għax-xiri tal-vettura, u addirittura għall-ħlas ta’ assikurazzjoni fuqha.
>
> »… … …
>
> »Issa dan il-każ *si tratta* minn vettura li meta ġiet promossa l-kawża odjerna kellha valur irriżorju. Min-naħa l-oħra l-ħlas ta’ assikurazzjoni fuqha llum m’għandha valur ta’ xejn.
>
> »Meta l-partijiet kienu qed jagħmlu l-finali trattazjoni din il-kawża, l-ewwel onorabbli qorti staqsiet lill-attriċi dwar jekk hija pproduċietx provi tal-valur tal-vettura meta ġiet promossa l-kawża jew meta l-partijiet infirdu. Peress li l-attriċi rrispondiet li hija ma pproduċietx tali stima, jidher li l-qorti ppremjatha billi addirittura allokatilha mhux biss rimbors tal-flus żborsati għax-xiri tal-vettura, iżda wkoll il-flus żborsati għall-assikurazzjoni.
>
> »Madanakollu, kif ingħad, dak li kellha tqis il-qorti kien il-valur tal-vettura meta ġiet promossa l-kawża u mhux l-ispejjeż inkorsi, u, fin-nuqqas ta’ tali provi, it-talbiet attriċi kellhom jiġu miċħuda.
>
> »Mingħajr preġudizzju għall-premess ukoll, huwa sottomess ukoll l-ewwel qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li din il-vettura serviet ta’ użu liż-żewġ partijiet inkluża lill-attriċi, sakemm l-partijiet baqgħu flimkien.
>
> »Għalhekk, mhuwiex ġust u lanqas ekwu li l-ewwel qorti ordnat li jitħallsu l-ammonti kollha li allegatament l-attriċi ħallset għal din il-vettura mingħajr ma ħadet in kunsiderazzjoni li din il-vettura għamlet żmien titgawda mill-istess attriċi u issa l-valur tagħha niżel konsider-evolment.
>
> »In fatti, f’każ li l-aggravji fuq riferiti jiġu miċħuda, u fil-fehma ta’ din il-qorti jirriżulta li verament huwa dovut xi ammont mill-esponenti lill-attriċi, wieħed għandu jqis fl-agħar ipoteżi għall-esponenti l-valur tal-vettura fi żmien meta spiċċat ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet u fl-aħjar ipoteżi għall-esponenti l-valur tal-vettura fi żmien meta ġiet intavolata din il-kawża.«

36. L-attriċi wieġbet hekk:

> »… … … Il-vettura kienet legalment proprjetà tal-konvenut u għalhekk kull ġid u deni kien isejjaħ lill-konvenut *qua* sid. Similment kwalsiajsi *depreciation* kienet fuq il-konvenut u l-attriċi li sempliċement ħarġet il-flus ma setgħetx tkun soġġetta għal xi forma ta’ *depreciation.* Meta l-koppja isseparat il-konvenut ħa l-vettura għax insista li hu sidha u l-attriċi ma setgħet tagħmel xejn dwar dan. Għalhekk kwasijasi benifikati jew nuqqasijiet kellhom jinkombu unikament fuq il-konvenut. Is-somma li ħarġet l-attriċi ma kienet legalment soġġetta għal ebda

forma ta' riskju. U għaldaqstant l-attriċi kienet legalment korretta kif *di più* qablet magħha l-ewwel onorabbli qorti illi titlob dak kollu li ħarġet.«

37. Dan l-argument tal-attriċi ma huwiex kompatibbli ma' dak deċiż dwar l-aggravju ta' qabel dan. Meta l-partijiet kienu flimkien, u l-attriċi setgħet tinqeda bil-vettura daqskemm seta' jinqeda biha l-konvenut, il-konvenut ma kien qiegħed jieħu ebda vantaġġ li ma kinitx tieħu wkoll l-attriċi. Il-konvenut kiseb l-użu hu waħdu tal-vettura wara li nfirdu l-partijiet mill-2009 'l hawn, u l-vettura beda jinqeda biha waħdu fl-istat li kienet fl-2009. Huwa xieraq għalhekk li fil-likwid-azzjoni tal-ħlas li għandu jsir lill-attriċi jitqies il-fatt li din setgħet tinqeda bil-vettura bejn l-2003 meta nxtrat u l-2009 meta nfirdu l-partijiet, u li l-konvenut seta' jinqeda biha waħdu fl-istat li fih kienet fl-2009.

38. Safejn irid li l-valur tal-vettura jitqies dak li kien fl-2009, l-aggravju għandu għalhekk jintlaqa'.

39. Meta tqis li l-vettura fl-2003 inxtrat bil-prezz ta' disat elef lira ta' Malta (Lm9,000) huwa xieraq u raġonevoli li jitqies li sal-2009 kienet tilfet nofs il-valur tagħha u ġiet tiswa' erbat elef u ħames mitt lira (Lm4,500), u sehem il-partijiet jiġi elfejn, mitejn u ħamsin lira (Lm2,250), jew ħamest elef, mitejn u wieħed u erbgħin euro (€5,241) kull wieħed u waħda.

40. Is-somma ta' għaxart elef, sitt mija u euro u tmintax-il ċenteżmu (€10,601.18) likwidata mill-ewwel qorti għalhekk għandha tonqos b'ħamest elef, mitejn u wieħed u erbgħin euro (€5,241) biex jifdal

bilanċ favur l-attriċi ta’ ħamest elef, tliet mija u sittin euro u tmintax-il ċenteżmu (€5,360.18).

41. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni u fejn qalet li l-konvenut hu debitur tal-attriċi u tħassarha fejn illikwidat il-kreditu fis-somma ta’ għaxart elef, sitt mija u euro u tmintax-il ċenteżmu (€10,601.18) u kkundannat lill-konvenut iħallas dik is-somma lill-attriċi, u, minflok, tillikwida l-kreditu tal-attriċi fis-somma ta’ ħamest elef, tliet mija u sittin euro u tmintax-il ċenteżmu (€5,360.18) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dik is-somma flimkien mal-imgħax relattiv kif ordnat fis-sentenza appellata.

42. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel qorti. L-ispejjeż tal-appell, billi fil-fehma tal-qorti l-aggravji kienu fil-biċċa l-kbira fiergħa u għalhekk il-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż relattivi, jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) tħallsu l-attriċi u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom il-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm